Nru. 401

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Struttura Rurali
datata 1775 bejn
Triq il-Kurunell Mas u Triq iż-Żejtun,
Ħal Tarxien

(ara l-pjanta f'paġna 3305) hija ta' valur arkitettoniku rurali.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta' l-imsemmija proprjetà.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà ssirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-27 ta' Mejju, 1997

No. 401

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority hereby believes that the following property, namely:–

Rural Structure
dated 1775 between
Triq il-Kurunell Mas and Triq iż-Żejtun,
Tarxien

(see plan on page 3305) is of rural architectural value.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act, 1992.


(i) The property is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual value.

(ii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the property is damaged or destroyed in contravention of this Order, the Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

27th May, 1997



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E56437, N69149 Max E56606l, N693351

Title :-

Emergency Conservation Order: Tarxien

Rural Structure dated 1775,
Triq il-Kurunell Mas c/w Triq iz-Zejtun

(this map includes the schemes)

Ref No. :- GF 192/97

Form No. :- MU003